TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 291/13/GB

**Dr Ivaged Megally**

**vs**

**Bajada New Energy Ltd.**

Illum 5 ta' Marzu 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Dicembru, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tmien mitt Ewro (€800.00), rapprezentanti l-prezz tad-dawl ghal sena li huwa kellu jhallas, stante illi l-'photovoltaic panels' li nxtraw minghand is-socjeta' ntimata kienu difettużi.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

F'April 2012 huwa kien xtara u gew installati 'photovoltaic panels' minghand is-socjeta' ntimata. F'April 2013 l-meter reader kien innota illi mis-sistema tar-rikorrent kienu gew iggenerati biss sitt (6) units ta' elettriku. Fil-frattemp, ir-rikorrent kien hallas l-ammont ta' elf sitt mija u sittin Ewro (€1660.00) f'kontijiet tad-dawl ghall-perjodu minn April 2012 sa April 2013. Illi ghalhekk, ir-rikorrent kien ċempel lis-socjeta' ntimata fejn hija ġiet tiċċekkja s-sistema u sabet li l-converter kien difettuż, u gimgha wara, s-socjeta' ntimata kienet biddlet dan il-converter b'wiehed ġdid.

Ir-rikorrent kien talab kumpens minghand is-socjeta' ntimata, peress li huwa kien hallas l-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) ghall-erbatax-il panel, liema panels ma hadmux sew

ghal sena, pero' s-socjeta' ntimata rrifjutat u dana nonostante l-fatt illi kienet ir-responsabbilita' taghha illi tara li s-sistema kienet qed tahdem sew.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hekk kif diga' ntqal mir-rikorrent, is-sistema fil-bidu kienet qed tahdem sew, tant illi l-inverter kien iggenera sitt (6) units ta' elettriku, pero' wara dan, is-sistema ntefghat minhabba xi haġa li kien gara li kien ikkawza s-sistema protettiva ta' l-inverter tintefa'. Gara hekk sabiex is-sistema tal-'photovoltaic' ma tkunx ta' periklu lir-residenti tad-dar in kwistjoni.

Illi ghalhekk, hekk kif diga' ntal mir-rikorrent, is-socjeta' ntimata sewwiet il-problema fi żmien gimgha mill-ilment tar-rikorrent.

Il-problema kienet issewwiet mill-ewwel. Sfortunatament is-socjeta' ntimata m'ghandhiex aċċess ghad-dar tar-rikorrent, u ghalhekk hija qatt ma setghat tkun taf illi s-sistema kienet intefghat sakemm ġiet informata mir-rikorrent.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu mil-miktub, fejn żied jistqarr illi huwa qed jitlob l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00) minhabba li ghamel sena ihallas dawl żejjed u sena garanzija li tilef minn meta s-sistema bdiet tahdem tajjeb.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi hija ma kienitx taf li l-inverter kien bil-hsara u malli saret taf, hija kienet hadet azzjoni mill-ewwel. Stqarret ukoll illi l-meter reader kien mar ghand ir-rikorrent fil-5 ta' April 2013, pero' r-rikorrent kien avvicinha fil-25 ta' April 2013. Stqarret illi hija offriet servizz ghal sentejn b'xejn fuq panels u anke fuq is-solar water heater ghalkemm hija m'hijiex obbligata fuq ta' l-ahhar, pero' r-rikorrent ma aċċettax.

Is-socjeta' ntimata ezebiet numru ta' dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.B1.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrent baqa' ma accettax l-offerta tas-socjeta' ntimata, fejn minnflok huwa baqa' jinsisti li jinghata l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00) bhala kumpens ghal dak li kien hallas ghad-dawl.

It-Tribunal jinnota wkoll illi, fuq domandi ta' l-istess Tribunal rigwardanti l-ammont mitlub mir-rikorrent, ir-rikorrent ammetta illi ma kellux dokumenti li seta' jippreżenta sabiex jipprova l-ammont li qed jitlob.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-ammont mitlub mir-rikorrent, jikkonkludi illi t-talba tar-rikorrent ghalhekk ma jista' qatt jintlaqa' mit-Tribunal stante n-nuqqas ta' provi. It-Tribunal jinnota madanakollu, l-offerta maghmula mis-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata taghti servizz, a spejjez taghha, ghal zmien sentejn mill-llum, fuq il-'photovoltaic panels' u fuq is-'solar water heater' gia nstallati fir-resdienza tar-rikorrent, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**